

31975R0897

26.4.1975

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 106/7

**IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 897/75 TAL-KUNSILL  
tat-18 ta' Marzu 1975**

**li jikkonkludi l-Protokoll Supplimentari tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu;

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

Billi, minħabba li n-Norveġja ma sseħħbitx mal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll Supplimentaru tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Supplimentari tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda qiegħed hawnhekk jiġi konkluż fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll jinsab hawnhekk anness.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawnhekk jiġi awtorizzat li jinnomina l-persuna mogħtija s-setgħa li tiffirma l-Protokoll imsemmi fl-Artikolu 1 u li jikkonferixxi fuqha l-poteri neċessarji li jorbtu lill-Komunità (¹).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Mejju 1975.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1975.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. RYAN

---

(¹) Id-data tal-firma ta' dan il-Protokoll tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.